

ATTI OĦRAJN

KUMMISSJONI

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ⁽¹⁾ dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiki u denominazzjonijiet ta' l-orijini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel

(2007/C 206/13)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu l-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

SINTEŻI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

“KARLOVARSKÉ TROJHRÁNKY”

Nru tal-KE: CZ/PGI/005/0397/19.10.2004

DPO () IĠP (X)

Din is-sinteżi tagħti l-elementi ewlenin ta' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott b'għan informattiv biss.

1. *Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:*

Isem: Úřad průmyslového vlastnictví
Indirizz: Antonína Čermáka 2a, CZ-160 68 Praha 6
Tel.: (420) 220 383 111
Feks (420) 224 324 718
Posta elettronika: posta@upv.cz

2. *Grupp:*

Isem: Sdružení výrobců Karlovarských trojhránek
Indirizz: Slepá 517/1, CZ-360 05 Karlovy Vary
Tel.: (420) 353 563 006
Feks (420) 353 563 006
Posta elettronika: obchod@karlovarskapekarna.cz
Kompożizzjoni: produttori/proċessuri (X) ohrajin ()

3. *Tip ta' prodott:*

Klassi 2.4: Gallettini — Wejfers

(¹) ĠUL 93, 31.3.2006, p. 12.

4. Speċifikazzjoni:

(sinteżi tar-rekwiżiti permezz ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. Isem: "Karlovarské trojhránky"

- 4.2. Deskrizzjoni: Il-"Karlovarské trojhránky" jiġu prodotti skond riċetta tradizzjonali. Huma qatgħat trijangolari magħmulin minn "Karlovarské oplatky", jiġifieri wejfers ta' Karlovy Vary, li huma ċatti u f'għamla ta' ċirku, u mwaħħlin permezz ta' mili varju (ara l-paragrafu li jmiss). Tmien fetet ta' "Karlovarské oplatky" jitqiegħdu waħda fuq l-oħra b'mili tal-kawkaw jew taċ-ċikkulata, u mbagħad jinqasmu fil-forma aħħarija tagħhom permezz ta' magna tal-qtugħ (fi 8 biċċiet). It-trijangoli b'hekk miksuba jiġu ppakkjati jew individwalment jew f'pakketti ta' bosta unitajiet.

Il-"Karlovarské oplatky", il-bażi għall-produzzjoni tal-"Karlovarské trojhránky", huma diski ċirkulari b'djametru ta' madwar 19 ċm. Huma magħmulin minn żewġ folji rqaq tal-wejfer, b'riljiev karatteristiku ta' fergħa mwerrqa fi strixxa wiesgħa 30 mm madwar ix-xifer ta' barra, u taħtha l-kitba "Karlovarské oplatky" f'għamla ta' ċirku wiesja tal-anqas 20 mm. F'nofs il-wejfer jidher simbolu tal-belt termali ta' Karlovy Vary, li jista' jkun jew funtana ta' l-ilma minerali jew inkella kamoxx. L-ilma ta' Karlovy Vary għandu sehem sinifikanti fid-determinazzjoni tat-togħma ta' l-"oplatky" kif ukoll fit-tixrib tal-folji tal-wejfer. Il-folji jitwaħħlu f'wejfer wieħed fil-forn permezz ta' mili magħmul minn taħlita ta' zokkor u ġellewż, jew inkella, skond il-varjetà, taħlita ta' togħma differenti, ġeneralment lewż, kawkaw, vanilla jew kannella. Il-wejfers huma hfiyf, irqaq u jqarmċu, u għandhom togħma u riħa karatteristiċi.

L-ingredjenti bażiċi għall-produzzjoni tal-"Karlovarské oplatky" u l-"Karlovarské trojhránky" huma dawn li ġejjin: dqiq tal-qamħ, ilma minerali ta' Karlovy Vary, xaħam veġetali, zokkor, ħalib, taħlit tal-bajd, lamtu, trab tal-ħami, butir u, skond il-mili, ġellewż, lewż, trab tal-kawkaw, vanilla jew kannella.

L-ilma minerali ta' Karlovy Vary, li jintuża fil-produzzjoni tal-"Karlovarské oplatky" u l-"Karlovarské trojhránky", għandu proprjetajiet speċifiċi li huma karatteristiċi taż-żona ġeografika. Huma dawn il-proprjetajiet li jagħtu lill-wejfer il-karatteristiċi partikolari tiegħu, speċjalment il-konsistenza tqar-meċ, it-togħma u r-riħa. L-ilma minerali ta' Karlovy Vary huwa ilma naturali mogħni b'bikarbonati, sulfati u kloruri, li jiskula sa wiċċ l-art minn xaqq tewtoniku li jibda f'fond ta' 800 m, b'temperatura ta' 73 °C. L-ilma fih litju, sodju, potassju, rubidju, ċeżju, ram, berilju, manjeżju, kalċju, stronzju, żingu, kadmju, aluminju, landa, ċomb, arseniku, antimonju, selenju, manganiż, ħadid, kobaltu, nikil, fluworidi, kloruri, bromidi, sulfati, bikarbonati, karbonati u aċidu siliciċu. Dan l-ilma ilu jintuża tul is-sekli f'Karlovy Vary, l-ikbar spa tar-Repubblika Ċeka, għat-trattament ta' ulċeri kroniċi ta' l-istonku, tad-diskinezi tal-kanali biljari, inklużi l-*postcholecystectomy syndrome*, mard kroniku tal-frixa (pankreas) u tal-fwied, il-ħaġra fil-bużżieqa ta' l-awrina u l-gotta.

4.3. Żona ġeografika: Iż-żona koperta mill-belt termali ta' Karlovy Vary.

- 4.4. Prova ta' l-oriġini: Il-produzzjoni ssir konformi mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar il-produzzjoni ta' l-ikel, u s-sistema HACCP tintuża tul il-proċess tal-produzzjoni. Il-produtturi jżommu reġistri tal-fornituri ta' materji primi, inkluż l-ilma minerali ta' Karlovy Vary, kif ukoll tax-xerrejja tal-prodotti aħħarija. Fuq kull prodott jidher isem u l-indirizz tal-produttur. Il-konformità ma' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tiġi kkontrollata mill-uffiċċju lokali ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat, is-*Státní zemědělská a potravinářská inspekce* (l-Awtorità Ċeka għall-Agricoltura u l-Ispezzjoni ta' l-Ikel).

- 4.5. Metodu ta' produzzjoni: Il-"Karlovarské oplatky", li minnhom jiġu prodotti l-"Karlovarské trojhránky", huma magħmulin minn żewġ folji tal-wejfer irqaq u f'għamla ta' ċirku, b'djametru ta' madwar 19 ċm, u b'riljiev karatteristiku (ara 4.2.). L-għaġina ssir billi jitħalltu l-ingredjenti msemmija aktar 'il fuq (ara 4.2.) ma' ilma minerali frisk ta' Karlovy Vary. Wara l-ħami, il-wejfers jixxarrbu b'ilma minerali ta' Karlovy Vary, imbagħad jitqiegħdu fil-forn, imwaħħlin tnejn permezz ta' mili magħmul minn taħlita ta' zokkor u ġellewż, jew inkella minn taħlita oħra, skond il-varjetà (ara 4.2.). Fi tmien il-proċess ta' produzzjoni, il-wejfers jitgħaqqdu fi tmien safef b'mili tal-kawkaw jew taċ-ċikkulata. Dan il-mili huwa magħmul mill-ingredjenti li ġejjin: frak taċ-ċikkulata, xaħam veġetali mwebbes, ħalib niexef, kawkaw, zokkor, trab tas-sojja u "Karlovarské oplatky" imfarrkin. Il-"Karlovarské oplatky" imfarrkin jikkositwixxu 7 % tal-kontenut totali tal-mili. Il-mili jsir b'mod li l-ingredjenti jitħalltu progressivament sakemm jieħdu l-forma ta' krema, li mbagħad tindilek man-naħa ta' fuq tal-"Karlovarské oplatky". Imbagħad, tmien "oplatky" jitqiegħdu waħda fuq l-oħra u jiġu ppressati, ix-xifer tagħhom jintraqam, u fl-aħħar jinqasmu fi tmien biċċiet ta' "Karlovarské trojhránky". Dawn imbagħad jiġu ppakkjati jew individwalment jew inkella f'kaxxi ta' 150 g jew 200 g.

Biex jiġu ppreservati l-kwalità u l-proprjetajiet speċifiċi tal-prodott, huwa ta' l-akbar importanza li, bħala minimu, il-wejfers jiġu prodotti, jitħallew joqogħdu u jiġu ppakkjati fiż-żona ġeografika definita.

- 4.6. Rabta: Il-karatteristiċi partikolari tal-“Karlovarské trojhránky” jitnisslu mill-użu ta' l-ilma minerali ta' Karlovy Vary, miksub minn nixxiġat fiż-żona ġeografika definita, u l-proprjetajiet speċifiċi tiegħu, kif ukoll mir-riċetta tradizzjonali (ara 4.2).

L-ewwel referenzi storiċi għall-produzzjoni tal-“Karlovarské oplatky”, li minnhom isiru l-“Karlovarské trojhránky”, fiż-żona ġeografika definita jmorru lura għas-seklu tmintax. Il-produzzjoni tal-“Karlovarské trojhránky” ilha parti minn din it-tradizzjoni għal aktar minn żewġ sekli. Illum il-ġurnata jintużaw fil-promozzjoni tal-belt ta' Karlovy Vary mill-awtoritajiet lokali u mill-organizzazzjoni nazzjonali “Czech Tourism” fi preżentazzjonijiet u kampanji ta' pubbliċità madwar id-dinja. Prova tal-kwalità u tal-popolarità taġġhom hija l-preżentazzjoni li saret fl-EU-Japan Food Festival ta' Edinburgh (l-Iskozja), organizzat fl-2005 mill-UE u l-Ġappun. Barra minn hekk, il-plejer tal-hoki fuq is-silġ Jaromír Jágr, ta' fama internazzjonali, isemmi l-“Karlovarské trojhránky” bħala ħelu favorit tiegħu.

Fil-11 ta' Frar 2000, id-denominazzjoni ta' l-orijini “Karlovarské trojhránky” iddaħħlet fir-reġistru Ċek tad-denominazzjonijiet ta' l-orijini bin-numru ta' reġistrazzjoni 171, u d-29 ta' Mejju 2001, iddaħħlet fir-reġistru internazzjonali skond il-Ftehim ta' Liżbona bin-numru 838.

- 4.7. Organu ta' spezzjoni:

Isem: Státní zemědělská a potravinářská inspekce, inspektorát Plzeň
Indirizz: Jiráskovo náměstí 8, CZ-308 58 Plzeň 8
Tel.: (420) 377 433 411
Feks (420) 377 455 229
Posta elettronika: plzen@szpi.gov.cz

- 4.8. Tikkettar: “KARLOVARSKÉ TROJHRÁNKY”

Id-denominazzjoni tal-prodott għandu jidher biċ-ċar fuq in-naħa ta' quddiem tal-prodott u/jew ta' l-imballaġġ tiegħu.
